**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. R6/10

**Minuti tas-sitt laqgħa li saret il-Ġimgħa 25 ta' Frar 2011.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fit-3.30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); il-membri Joe Grima, Noel Formosa, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Sultana, Carmelo Saliba, Dr Monica Vella, Philip Vella, Joe Cordina, Noel Formosa u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalgħet it-talba. Peress li l-minuti ntbagħtu mal-aġenda, il-Minuti tal-laqgħa tal-05 ta' Jannar 2011 ittieħdu bħala moqrija bi qbil unanimu minn dawk preżenti. Saru xi punti mill-minuti:

Rigward Minuta 1.5 - li tikkonċerna Memo 148/2010 – Tibdil fl-Onorarja tas-Sindki u Presidenti tal-Kumitat Reġjonali; il-President Dr Samuel Azzopardi irrimarka illi ż-żieda qatt ma ġiet applikata fil-konfront tal-Presidenti tar-Reġjuni.

Rigward Minuta 5.1 – Il-President informa l-kumitat illi qed jattendi għal-laqgħat tal-Kumitat organizzativ sabiex ifakkar il-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku. Huwa nforma illi hemm data skedata għat-3 ta' Ġunju sabiex issir Konferenza. Il-President talab illi għandhom jiġu mistiedna kemm is-Sindki kif ukoll il-kunsilliera tal-Kunsilli lokali ta' Għawdex għal din il-konferenza. Huwa qal ukoll illi waqt li l-konferenza ser tkun qed tfakkar parti importanti fuq l-istorja ta' Għawdex, huwa importanti wkoll illi din il-konferenza tiffoka wkoll fuq il-futur ta' Għawdex bħala gżira Reġjun.

1. **<u>Korrispondenza</u>**

   1.1 Risposta mis-Sur James Catania (Dipartiment tal-Gvern Lokali) dwar l-approvazzjoni tal-istemma tar-Reġjun Għawdex. Il-membri tal-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex f'din il-laqgħa stqarru illi huma ma jsibu l-ebda problema mil-użu tal-istemma stabilita ta' Għawdex u ilha tintuża bħala l-istemma ta' Għawdex għal numru ta' snin. Filwaqt illi l-Kumitat jifhem illi fil-każ tar-Reġjuni ta' Malta jista' jkun hemm xi problemi, fil-każ ta' Għawdex żgur li mhux il-każ. Għalhekk il-kumitat Reġjonali ta' Għawdex qed isaqsi għalfejn hemm dan id-dewmien kollu f' dan il-konfront.

   1.2 Kopja ta' Protest Ġudizzjarju preżentat mill-*Aurelia Enforcement Limited* fil-konfront tal-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex li jiffurmaw parti mill-Ħames Reġjuni, tal-Onor Prim Ministru u tal-Onor. Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika. Il-protest jirrigwarda l-ħruġ tal-offerta għall-Provvediment tas-Servizzi ta' Gwardjani Lokali.

   1.3 Informazzjoni dwar opportunità sabiex kunsilli lokali jissieħbu fi proġett 'Culture Heritage Parks and Gardens' taħt il-programm Ewropew INTERREG IVC.

   1.4 Informazzjoni dwar opportunità sabiex kunsilli lokali jissieħbu fi proġett 'The Role of local government during crisis' taħt il-programm Ewropew INTERREG IVC.

1.5 Ċirkulari 12/2011 mill-AKL rigward iċ-ċitazzjonijiet għandhom jibqgħu jitħallsu xorta waħda fil-Kunsilli Lokali. Ser tapplika tariffa amministrattiva li tapplika għal kull ċitazzjoni li titħallas fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli.

1.6 Ċirkulari 11/2011 mill-AKL rigward Earth Hour 2011.

1.7 Korrispondenza mingħand is-Sur Ray Abela TCTC Managing Director, rigward korsijiet organizzati mit-TCTC ġewwa Għawdex. Is-segretarju nforma lill-Kumitat illi kif hemm msemmi fil-korrispondenza is-Sur Abela talab risposta immedjata. Is-segretarju nfurmah illi mhux possibli jingħata risposta qabel tiġi diskussa fil-kumitat. Il-President informa lill-Kumitat illi r-Reġjun ma jistax jikkommetti ruħu peress li mhux statutorjament possibli. Joe Cordina (membru) stqarr illi kunsilli li jixtieqi jissieħbu f'dan il-proġett jistgħu jagħmlu dan bħala kunsill individwali.

1.8 Informazzjoni dwar opportunità sabiex kunsilli lokali jissieħbu fi proġett 'Regional Marketing – Instrument for Acceleration of Territorial Cohesion' taħt il-programm Ewropew INTERREG IVC.

1.9 Informazzjoni dwar sensiela ta' 13-il programm fit-TVM u Education 22.

1.10 Kopja tal-ittra mingħand mibgħuta mill-Bord tal-Appelli indirizzata lill-Aurelia Enforcement Limited. Ir-Reġjun ġie infurmat ukoll li għandu jissospendi temporanjament l-proċedura kontratwali.

1.11 Ċirkulari 13/2011 AKL – Ħlas tal-Performing Right Society. Il-Kumitat qabel illi din iċ-ċifra għandha titħallas.

1.12 Informazzjoni mingħand l-ERY Network dwar *Youth in Action Project* fuq *web-radios* immexxija miż-żgħażagħ. Is-segretarju għandu jiċċirkola din l-informazzjoni.

1.13 Korrispondenza mingħand is-Sur Silvio Frendo (Dipartiment Gvern Lokali) fejn b'referenza għat-talba li għamel ir-Reġjun sabiex il-ħlas tar-reġistrazzjoni tal-ewwel sena biex ir-Reġjun jissieħeb fl-AER jitħallas mid-dipartiment, stqarr illi sakemm jiġi stabiliti sew ir-Reġjuni, mhux ser ikun permissibli li jsir infiq fuq affarijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ġenerali tal-uffiċċju.

1.14

**<u>2. Offerta tal-provvediment ta' servizzi ta' Gwardjani Lokali għar-Reġjun ta' Għawdex</u>**

2.1 Is-Segretarju ta rapport qasir dwar l-andament tal-proċess tal-aġudikazzjoni. Hu spjega kif qed tiġi applikata t-*three envelope procedure* u li s'issa nfetħu żewġ envelopes. Huwa nforma li beda l-proċess ta' evalwazzjoni tat-tieni envelope, pero bħalissa l-proċess jinsab temporanjament sospiż fuq struzzjonijiet tal-bord tal-appelli. Dan sar wara li applikant tefa protest ġudizjarju fil-konfront tal-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex li jiffurmaw parti mill-Ħames Reġjuni, tal-Onor Prim Ministru u tal-Onor. Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika.

**<u>3. Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex (Marzu 2011)</u>**

Il-President Dr Samuel Azzopardi ta rapport qasir dwar l-ewwel laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex nhar is-26 ta' Jannar 2011. Huwa spjega kif il-fatt li dawn il-laqgħat ser ikomplu isiru kull xahrejn huwa fatt pożittiv.

Il-Kumitat imbgħad beda jiddiskuti l-aġenda għal-laqgħa li jmiss skedata għal nhar it-23 ta' Marzu 2011. Din hija l-aġenda kif proposta mill-Kumitat Reġjonali.

(i) Proġetti Eco-Għawdex (li jitrattaw Kunsilli lokali)

(ii) Koordinament aħjar bejn il-Ministeru u l-Kunsilli lokali fuq xogħol li jsir mill-Ministeru fil-lokalitajiet

(iii) Toroq arterjali/residenzjali u white roads

- *Patching*
- Tindif
- Titjib tal-entraturi f'kull lokalità
- Sprovvista ta' servizzi essenzjali fil-lokalitajiet

Il-President stqarr illi din l-aġenda hija fragmentata ħafna u li d-diskussjoni mal-Ministeru għal Għawdex għandha tkun fuq *issues* ġenerali għal Għawdex u mhux fuq dawk ta' natura individwali għall-kunsill partikolari.

**4. Proposta ta' tunnel bejn Malta u Għawdex**

Il-Kumitat beda din id-diskussjoni pero kien hemm qbil illi din għandha tkompli fl-laqgħa oħra tar-Reġjun.

**5. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

Month: January/February 2011

| No | Details | Amounts (€) | A/C No | Chq No | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Sound and Vision Cordless telephone | 35.00 | | 31 | |
| 31 | Executive Secretary Salary - January | 1399.75 | | 32 | |
| 32 | President Honorary - January | 424.33 | | 33 | |
| 33 | CIR - January | 708.90 | | 34 | |
| 34 | Executive Secretary Salary - February | 1434.14 | | 35 | |
| 35 | President Honorary - February | 424.33 | | 36 | |
| 36 | Xerri Garden Centre - Flower Wreath | 35.00 | | 37 | |
| 37 | CVC Ltd -overseas expenses | 1267.45 | | 38 | Filming of signing ERY Network in Brussels |

Dawn il-pagamenti ġew approvati.

**6. Materji Oħra**

6.1 Philip Vella (membru) qajjem il-punt illi fil-lokalita tagħhom ix-xfafar għadhom ma tqassmux. Is-segretarju fisser kif id-domanda għolja għal dawn ix-xfafar f'lokalitajiet oħrajn wasslet sabiex kellhom jitwaqqfu milli jitqassmu x-xfafar fil-lokalitajiet tax-Xagħra, Xewkija u Sannat li kienu skedati bħala l-aħħar lokalitajiet li fihom kellhom jitqassmu x-xfafar. Is-segretarju qal li skond korrispondenza li għandu mal-aġent, ix-xfafar kellhom jaslu fi żmien ħames ġimgħat.

6.2 Frans Cauchi (membru) issuġerixxa illi bħala Reġjun għandha nitolbu laqgħa sabiex tiġi spjegata aħjar ir-riforma tat-trasport pubbliku ġewwa Għawdex. Is-segretarju ġie nkarigat sabiex jagħmel dan l-arranġament.

6.3 Peress li ma kienx hemm materji oħra, l-laqgħa ntemmet fis-5.30 pm

| | |
|---|---|
| Samuel Azzopardi<br>President<br>Reġjun Għawdex | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |